

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Divorzju U Separazzjoni Legali](#) > [Cyprus](#)

Divorzju u separazzjoni legali



Ċipru

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' divorzju?

F'każ ta' żwieġ bil-knisja, il-proċedimenti ta' divorzju jistgħu jinbdeu biss wara li ssir notifika lill-isqof tad-distrett fejn jgħix ir-rikorrent. Rikors għal divorzju jista' jiġi ppreżentat tliet xhur wara li tkun intbagħtet in-notifika lill-isqof kompetenti. Ma hemmx għalfejn tintbagħat notifika meta r-raġuni għad-divorzju tkun l-għajbien jew il-mard mentali.

2 X'inhuma r-raġunijiet għal divorzju?

- I-adulterju
- Imġieba immorali, diżonorevoli jew imġieba oħra ripetuta li ma tistax tinħafer li twassal għal deterjorazzjoni serja fir-relazzjoni matrimonjali, fejn ir-rikorrent ma jkunx jista' jittollera jgħix mal-konjuġi tiegħu.
- Attentat kontra l-ħajja, pereż. abbuż fiżiku.
- Mard mentali għal tliet snin, li jwassal għal koabitazzjoni intollerabbli.
- Sentenza finali għal piena ta' priġunerija għal aktar minn seba' snin
- L-għajbien
- Inkapaċità sesswali meta għie ċċelebrat iż-żwieġ u li komplet għal sitt xhur sa u inkluż iż-żmien li fih infetħet il-kawża.
- Abbandun mhux skużabbli għal sentejn. Perjodi twal ta' assenza, li jaqbuż s-sentejn fit-total. Trid tkun intbagħtet stedina għar-ritorn.
- Bidla fir-reliġjon jew denominazzjoni, jew l-użu ta' forza morali jew attentat ta' konverżjoni tal-konjuġi lejn setta.
- Ir-rifjut persistenti għat-tfal minkejja x-xewqa tal-konjuġi l-ieħor għat-tfal.
- It-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ.
- Is-separazzjoni għal ħames snin.

3 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' divorzju f'dak li jirrigwarda:

3.1 ir-relazzjonijiet personali bejn il-konjuġi (pereżempju l-kunjom)?

Id-divorzju jħoll iż-żwieġ, iżda ma jgħibx miegħu bidla awtomatika fil-kunjom. Hija l-parti konċernata li trid tagħmel dikjarazzjoni għuramentata biex tbiddel kunjomha.

3.2 il-qsim tal-proprjetà tal-konjuġi

Id-divorzju ma għandux konsegwenzi fuq it-tilwim dwar proprjetà. Kull tilwim dwar proprjetà jrid jiġi indirizzat permezz ta' rikors separat, għaliex il-proċeduri huma differenti.

3.3 it-tfal minorenni tal-konjuġi

Ma hemmx, peress li l-proċedimenti ta' divorzju huma separati minn u indipendenti mill-proċedimenti ta' kustodja, sakemm id-divorzju ma ngħatax minħabba attentat fuq ħajjet it-tfal jew abbuż fiżiku fuqhom.

Id-divorzju ma għandux konsegwenzi fuq il-kwistjonijiet relatati mat-tfal minuri (pereż. il-manteniment, ir-responsabbiltà tal-ġenituri, il-komunikazzjoni). Għandhom isiru rikorsi separati għal dawn il-kwistjonijiet.

3.4 l-obbligu ta' ħlas tal-manteniment lill-konjuġi l-ieħor?

Id-divorzju ma jgħibx miegħu l-obbligu awtomatiku tal-ħlas tal-manteniment lill-konjuġi l-ieħor. Mas-separazzjoni għandu jiġi ppreżentat rikors separat.

4 F'termini prattiċi, xi jfisser it-terminu legali "separazzjoni ġudizzjarja"?

It-terminu "separazzjoni legali" ma teżistix fil-liġi tal-familja Ċiprijotta.

5 X'inhuma l-kundizzjonijiet għal separazzjoni ġudizzjarja?

Mhux applikabbli.

6 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' separazzjoni ġudizzjarja?

Mhux applikabbli.

7 Fil-prattika, xi jfisser it-terminu "annullament taż-żwieġ"?

Dak ifisser li, dakinhar tas-sentenza ta' annullament, iż-żwieġ jiġi ddikjarat null u bla effett.

8 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jingħata annullament taż-żwieġ?

Skont l-Artikolu 17 tal-Att dwar iż-Żwieġ, il-Liġi Nru 104(I)/2003, kif emendata mil-Liġi Nru 66(I)/2009, iż-żwieġ mhux validu jekk ikun seħħ:

- (a) qabel ix-xolljiment jew l-annullament finali ta' xi żwieġ preċedenti ta' xi ħadd mill-partijiet, inkluż żwieġ reliġjuż jew ċivili;
- (b) bejn qraba f'relazzjoni ta' konsanguinità ta' axxendenza jew kollaterali sal-ħames grad;
- (c) bejn qraba li jiġu minn xulxin biż-żwieġ fil-linja axxendenti jew kollaterali sat-tielet grad;
- (d) bejn min jadotta u l-persuna adottata jew id-dixxendenti tagħhom;
- (e) bejn wild li twieled barra ż-żwieġ u l-missier li rrikonoxxieh jew il-qraba tiegħu.

9 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' annullament taż-żwieġ?

Jekk iż-żwieġ huwa null jew jiġi ddikjarat null minn sentenza tal-qorti li għaddiet in ġudikat, iż-żwieġ isir null għal kollox minn dakinhar tas-sentenza.

10 Hemm mezzi alternattivi mhux ġudizzjarji biex jissolvew il-kwistjonijiet relatati mad-divorzju mingħajr il-bżonn ta' rikors il-qorti?

Iva, hemm mezzi alternattivi barra mill-qorti għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet relatati mad-divorzju previsti fil-Liġi dwar il-Medjazzjoni f'Tilwim tal-Familja, il-Liġi 62(I)/2019, li daħlet fis-seħħ fil-25 ta' April 2019. Fit-30 ta' Diċembru 2022 inħarġu Regolamenti Speċjali (RAA 507/2022) biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Liġi.

11 Fejn għandi nippreżenta r-rikors (petizzjoni) tiegħi għal divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ? Liema formalitajiet għandhom jitħarsu u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Ir-rikors għax-xoljiment/annullament taż-żwieġ għandu jiġi ppreżentat fil-qorti tal-familja (*Oikogeneiakó Δικαστήριο*) tad-distrett (*eparchía*) fejn jgħixu l-partijiet jew waħda minnhom. Ir-rikors irid ikun konformi mal-Mudell 1 tar-Regolamenti Proċedurali tal-Qorti Suprema tal-1990 (*Τύπο 1 τον Διδικαστικόν Κανονισμόν του Ανότατου Δικαστηρίου του 1990*). Għandhom jiġu mehmuża mar-rikors bħala provi l-prova tal-posta mħallsa għan-notifika mibgħuta lill-isqof jew prova tal-irċevuta ta' ittra reġistrata dwar in-notifika mill-isqof kompetenti, kif ukoll iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.

12 Nista' ningħata għajnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Iva. Għandu jsir rikors quddiem il-qorti tal-familja kompetenti (*Oikogeneiakó Δικαστήριο*).

13 Huwa possibbli li deċiżjoni relatata ma' divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ tiġi appellata?

Iva, jista' jsir appell mid-deċiżjoni dwar divorzju jew annullament taż-żwieġ quddiem il-qorti tal-familja tat-tieni istanza (*Δευτεροβάθμιο Οικogeneiakó Δικαστήριο*).

14 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonoxxuta f'dan l-Istat Membru?

Ir-rikors għandu jiġi ppreżentat quddiem il-qorti tal-familja kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru abbażi tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

15 F'liema qorti għandi nirrikorri biex nopponi għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Jista' jsir appell quddiem il-qorti tal-familja li quddiemha tressaq ir-rikors għar-rikonoxximent u r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tal-Istat Membru l-ieħor.

16 Liema liġi tad-divorzju tiġi applikata mill-qorti fil-proċeduri ta' divorzju bejn konjuġi li ma jgħixux f'dan l-Istat Membru jew li huma ta' nazzjonalitajiet differenti?

Il-qorti tal-familja tar-Repubblika ta' Ċipru jakkwistaw il-ġurisdizzjoni biex jisimgħu kawża relatata max-xoljiment jew l-annullament ta' żwieġ f'dawn il-każijiet biss meta l-partijiet fil-kawża jkun għexu f'Ċipru għal mill-inqas 3 xhur. Il-qorti tapplika l-liġi Ċiprijotta.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 16/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.